MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Mandat Numru. 227/2009/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 227/09 fl-ismijiet:

Raymond **ABDILLA**

vs

John M. **CACHIA,** fil-kapaċita' tiegħu ta' Direttur Ġenerali (servizzi tas-Saħħa) u Edward Borġ, fil-kapaċita' tiegħu ta' *Chief Executive Officer* tal-Isptar Monte Carmeli, u Nadia Gaglione, fil-kapaċita' tagħha ta' Direttur tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni tal-Isptar Monte Carmeli

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-6 ta' Frar, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li din il-Qorti

żżomm lill-intimati milli (1) joħorġu, jitolbu, jilqgħu *quotations*, *tenders* jew offerti taħt kwalunkwe isem għax-xiri ta' ħaxix u prodotti agrikoli tal-ikel għall-Isptar Monte Carmeli jew kwalunkwe istituzzjoni oħra koperta mill-*Health Division Notice* numru 88/08; u (2) jixtru u jakkwistaw ħaxix direttament, bil-ħruġ ta' *tenders* jew bi kwalunkwe sistema oħra, inkluż sejħa għal sottomissjoni ta' *quotations*, ħlief mingħand ir-rikorrenti u dan in linea mal-offerta magħmula mir-rikorrent taħt il-*Health Division Notice* numru 88/08;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Frar, 2009, li bih ordnat in-notifika lill-intimati b'erbat (4) ijiem żmien biex iressqu Tweġiba;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fid-9 ta' Frar, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, opponew għat-talba tar-rikorrent billi qalu li hu ma kellux il-jedd *prima facie* li jiġġustifikah iressaq it-talba għall-ħruġ ta' Mandat, u dan għaliex, fil-kuntratt innifsu kien hemm klawsola (Klawsola 16) li biha l-Gvern kien żamm il-jedd li, f'kull waqt tal-kuntratt, jagħżel li jikseb ħaxix mingħand ħaddieħor ukoll. Laqgħu wkoll billi qalu li huma ma kinux il-kontraditturi leġittimi tal-pretensjoni tar-rikorrenti għaliex it-Tabib Ewlieni tal-Gvern għandu r-rappreżentanza tal-istituzzjonijiet kollha jaqgħu taħt id-dipartiment;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Frar, 2009, li bih qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tas-26 ta' Frar, 2009;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-intimata Monika Gaglione waqt is-smigħ tas-26 ta' Frar, 2009, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sens li kieku ma kienx għall-ħruġ tar-rikors, id-dipartiment kien fi ħsiebu jkompli jmexxi 'il quddiem il-proċess imsejjaħ bl-ittra maħruġa fid-29 ta' Jannar, 2009[1];

[1] Dok "RA3", f'paġ. 22 tal-atti

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2009, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li r-rikorrent qiegħed jitlob li l-intimati ma jkomplux imexxu 'l quddiem sejħa għal offerti li saret b'ittra tad-29 ta' Jannar, 2009, li saret li min hu interessat biex jissupplixxi ħaxix għall-ikel kif meħtieġ mill-kċina tal-Isptar Monte Carmeli, u wkoll biex, sal-aħħar ta' Ġunju, 2009, ma jordnaw l-ebda ħaxix tal-ikel għall-istess sptar jekk mhux mingħandu;

Tqis li l-intimati qegħdin jgħidu li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma messhiex saret kontra tagħhom, għaliex għad-dipartimenti li jaqgħu taħt id-Diviżjoni tas-Saħħa t-Tabib Ewlieni tal-Gvern waħdu għandu r-rappreżentanza ġuridika.  Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent jistrieħ fuq dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tqis li ħadd mill-intimati ma stqarr li m'huwiex involut fil-proċess tas-sejħa li saret għall-provvista tal-ħaxix tal-ikel fl-imsemmi sptar.  Lanqas ma ntwera fl-atti xi dokument li juri, bla ebda ekwivoku, li l-intimati ma kellhomx is-setgħa jew l-awtorita' li jmexxu 'l quddiem dak il-proċess.  Minn dak li jidher mill-atti u mid-dispożizzjoni tal-liġi hawn fuq

imsemmija ma jistax jingħad li l-intimati m'għandhomx iwieġbu għall-pretensjonijiet tar-rikorrent;

Tqis li mill-fatti li ħarġu mill-atti, r-rikorrent ikkonkorra għal sejħa għal offerti magħmula fil-Gazzetta tal-Gvern fit-22 ta' Awwissu, 2008[2], mid-Diviżjoni tas-Saħħa biex jissupplixxi ħaxix għall-ikel. Fis-17 ta' Ottubru, 2008[3], id-Direttur Ġenerali (Riżorsi u Appoġġ), bagħat jgħarrfu li kien rebaħ il-kuntratt u ntagħżel biex iforni lid-dipartiment b'ħaxix għall-ikel bil-prezz ta' €1 kull kilogramm. Il-kuntratt kellu jkun fis-seħħ mill-bidu tal-2009 sa l-aħħar ta' Ġunju, 2009;

Tqis li, fost il-kundizzjonijiet tal-kuntratt, kien hemm klawsola li biha l-Gvern żamm għalih id-dritt li, f'kull waqt matul il-kuntratt, jikseb kull kwantita' ta' ħaxix mingħand ħaddieħor ukoll, minbarra l-kuntrattur. Meta r-rikorrent iffirma l-ittra ta' aċċettazjoni, iddikjara li kien joqgħod għall-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti;

Tqis li s-sejħa magħmula bl-ittra tad-29 ta' Jannar, 2009, kienet mibgħuta wkoll lir-rikorrent (minbarra lil terzi) u ma kellha l-ebda tismija tad-data jew taż-żminijiet li fihom kellha ssir il-kunsinna ta' ħxejjex li għalihom tirreferi;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[4];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-

[2] Dok "RA2" f'paġġ. 6 sa 21 tal-atti
[3] Dok "RA1", f'paġ. 5 tal-atti
[4] Art. 873(1) tal-Kap 12

diskrezzjoni tal-ġudikant[5]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[6];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[7]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż jew ir-rimedju għalih ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[8], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

---

[5] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[6] Art. 875(3) tal-Kap 12
[7] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[8] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

Illi, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[9] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li, **għal dak li jirrigwarda l-ewwel talba** tar-rikorrent, ir-rabtiet kuntrattwali li taħthom ir-rikorrent qabel li jidħol għall-kuntratt kienu jħallu lill-parti l-oħra l-jedd li, minkejja li l-kuntratt ikun għadu għaddej, tinstab provvista bi prezzijiet aktar vantaġġużi mingħand ħaddieħor ukoll;

Tqis li dan ifisser li r-rikorrent ma jistax jistrieħ fuq jedd *prima facie* li jżomm lill-intimati mili jagħmlu dak li kien espressament riżervat fil-kundizzjonijiet tal-għoti tal-kuntratt;

Tqis ukoll li l-ħsara li r-rikorrent jista' jġarrab jekk kemm-il darba jitwaqqaf jew b'xi mod jinżamm milli jissupplixxi l-ħaxix tal-ikel, tista' tkun mod ieħor rimedjata b'talba għad-danni fis-sedi xierqa u għalhekk il-ħruġ tal-Mandat m'huwiex meħtieġ bħala rimedju li mingħajru l-preġudizzju tar-rikorrent ma jistax jissewwa;

Tqis li, **għal dak li jirrigwarda t-tieni talba**, r-rikorrent irid li l-intimati jintrabtu li ma jixtrux jew ma jordnawx għall-ħtiġijiet tal-Isptar Monte Carmeli ħaxix tal-ikel jekk mhux mingħandu. Il-Qorti tqis talba bħal din bħala waħda li tagħti lok għal *specific performance*[10]. Talba bħal din ma ssibx postha fi proċedura għall-ħruġ ta' Mandat ta' inibizzjoni, li ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni *di non fare*[11];

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

---

[9] Art. 873(3) tal-Kap 12
[10] Ara Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[11] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu, bl-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, 2 ta' Marzu, 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------